# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru, 2015**

**Talba Nru: 590/2015/VG**

**Deborah Maria SPITERI (ID. Nru. 245189M)**

**Vs**

**Melvin MICALLEF (ID. Nru. 51381M)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-20 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf erba' mija u disghin euro u hamsa u hamsin centezmi ta' euro [€1,490.55c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Jghid il-konvenut ghalfejn dan it-Tribunal ma ghandux jordnalu jhallas is-somma ta' elf, erba' mija u disghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,490.55) rapprezentanti hlas li baqa dovut minnu mid-data tal-kuntratt dwar kura kustodja access u manteniment referibbli ghall-minuri Kaiden Ray Micallef Spiteri iben il-partijiet pubblikat min-Nutar Tonio Cauchi datat 26 ta'

> Settembru 2014 (vera kopja annessa bhala Dok. DMS 1) fir-rigward ta' diversi xhur mid-data ta' l-imsemmi kuntratt (sitt xhur manteniment ta' mitejn u tletin (€230) ewro kull xhar) inkluz ukoll is-somma ta' mija u hdax-il euro u hamsa u hamsin centezmu (€111.55) li tirrapprezenta s-sehem dovut mill-konvenut ghal spejjez ta' sahha u edukazzjoni li l-attrici nefqet ghall-imsemmi minuri Kaiden Ray Micallef Spiteri kif jirrizultaw mill-ircevuti annessi bhala Dok. DMS 2 – 4 (minn wara u minn quddiem) liema somma l-konvenut naqas milli jhallas minkejja talbiet li saru f'dan ir-rigward inkluz permezz ta' ittra legali datata 10 ta' Gunju 2015 (Dok DMS 5) annessa.
>
> Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-mandat ta' sekwestru kswtelatorju prezentat kontra l-konvenut kontestwalment u bl-imghax kontra l-istess konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra r-risposta ta' l-intimat ghat-talba tar-rikorrenti minnu mressqa fl-4 ta' Awwissu, 2015 u li permezz taghha huwa qal li:

> "Illi l-esponenti jirrikonoxxi li hu ghandu jaghti l-ammont mitlub mir-rikorrenti, pero tali ammont ghandu jigi pacut ma' ammont akbar li hu dovut lilu b'konessjoni mal-istess fatti u cioe flus imhallsa mill-esponenti lir-rikorrenti, qabel id-data tas-sentenza li biha hu gie rikonoxxut bhala missier il-minuri Kaiden Ray, meta r-rikorrenti kienet tibbenefika b'mod shih mill-beneficcji socjali bhala single mother;
>
> Illi ghalhekk din il-kawza hija wahda inutili u allura l-esponenti m'ghandux ibati l-ispejjez;
>
> Bla pregudizzju ghall-kontro-talba imressqa mill-esponenti"

Ra l-kontro-talba mressqa mill-intimat u li permezz taghha li r-rikorrenti thallsu s-osmma ta' elf disa mija hamsa u tmenin euro u sitta u sebghin centezmi ta' euro (€1,985.76c) u dan wara li ppremetta hekk:

> "Tghid ir-rikorrenti rikonvenzjonata ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux jordna illi l-ammont minnha mitlub ta' elf, erba' mija, disghin ewro, u hamsa u hamsin centezmu (€1,490.55) jigi pacut mal-ammont ta' elf, disa mija, hamsa u tmenin ewro, u sitta u sebghin centezmu (€1,985.76) rapprezentanti ghadd ta' hlasijiet illi fuq talbiet taghha hija rceviet minghand l-intimat rikonvenzjonant, bejn ix-xahar ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u x-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) (vide Dok M1 – Dok. M 8) qabel ma l-istess intimat gie rikonoxxut bhala l-missier biologiku tal-minuri Kaiden Ray Micallef Spiteri, u cioe qabel is-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), (vide vera kopja tas-sentenza relattiva – Dok A), fl-istess perjodu meta r-rikorrenti kienet tibbenefika b'mod shih mill-beneficcji socjali bhala single mother ta' iben missier mhux maghruf;
>
> Illi wara li jitnaqqas l-ammont mitlub mir-rikorrenti rikonvenzjonata, din jibqaghlha taghti lill-intimat rikonvenzjonant is-somma ta' erba' mija, hamsa u disghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€495.21c);
>
> Bl-ispejjez."

Ra r-risposta tar-rikorrenti ghall-kontro-talba ta' l-intimat minnha mressqa fit-12 ta' Awwissu, 2015 u li permezz taghha hija wiegbet hekk ghal-kontro-talba:

"Illi bir-rispett kollu, dak pretiz fil-kontro-talba tal-konvenut bhal dak eccepit mill-istess konvenut ghall-avviz intavolat mill-esponenti huwa

rrilevanti ghall-finijiet ta-kawza odjerna oltre li hu nfondat fil-fatt u fid-dritt stante li l-obbligu kuntrattwali ta' manteniment versu ibnu apparti l-ispejjez ordinarji u straordinarji tal-edukazzjoni, tas-sahha u dawk extra-kurrikulari a terminu tal-Artikolu 6 assunt mill-konvenut skont il-kuntrat ta' kura, kustodja, access u manteniment hu wiehed car u ma jhalli lok ghal ebda eccezzjoni jew tpacija favur il-konvenut.

Bl-ispejjez"

Ra n-nota tal-lum stess mressqa mid-difensur ta' l-intimat li permezz taghha ammetta t-talbiet tar-rikorrenti u rtira l-kontro-talba tieghu.

Ra li llum stess Dr. Jonathan Spiteri ghar-rikorrenti ddikjara li l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri ta' €1,390.48c huwa maqsum hekk:

(a) €151.45c bhala spejjez ghas-sahha u l-edukazzjoni maghmula mir-rikorrenti a favur tal-minuri sal-20 ta' Lulju, 2015;

(b) €1239.03c bhala manteniment dovut ghall-minuri sas-7 ta' April, 2015;

In vista ta' l-ammissjoni tal-intimat it-Tribunal ipposponа l-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elf erba' mija u disghin euro u hamsa u hamsin centezmi ta'

euro [€1,490.55c] rapprezentanti hlas ta' manteniment u spejjez ta' sahha u edukazzjoni ghal-minuri Kaiden Ray Micallef Spiteri.

Ikkunsidra;

2. L-intimat llum stess ressaq nota li permezz taghha ammetta t-talbiet tar-rikorrenti u rtira l-kontro-talba tieghu.

3. Illi mix-xhieda prodotta fis-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2015 u mid-dikjarazzjoni maghmula mid-difensur tar-rikorrenti jirrizulta li l-ammont verament dovut huwa dak ta' €1,390.48c u mhux dak reklamat ta' €1490.55c. Dan l-ammont ta' €1,390.48c huwa dovut in kwantu ghal:

   (a) **€151.45c** bhala spejjez ghas-sahha u l-edukazzjoni maghmula mir-rikorrenti a favur tal-minuri sal-20 ta' Lulju, 2015;

   (b) **€1239.03c** bhala manteniment dovut ghall-minuri sas-7 ta' April, 2015;

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista ta' din l-ammissjoni da parti ta' l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont ta' €1,390.48c mir-rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kontro-talba mressqa mill-intimat in vista tan-nota tieghu tal-lum stess, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' elf tlett mija u disghin euro u tmienja u erbghin centezmi ta' euro [€1,390.48c] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mill-20 ta' Lulju, 2015, d-data tal-prezentata tat-Talba odjerna, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**